Nru./No. 20,860
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 17 ta' Mejju, 2022
Tuesday, 17th May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8413 - 8414
Government Notices ..... *8413 - 8414*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8414 - 8415
Police Notices ..... *8414 - 8415*

Avviżi tal-Qorti ..... 8415 - 8416
Court Notices ..... *8415 - 8416*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 564

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 4 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Is-17 ta' Mejju, 2022

Nru. 565

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU lli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmi hawn taħt:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Muscat, is-Sur Konrad, Direttur (Ports Commercial and Registrar, Small Ships Register), Awtorità dwar it-Trasport f'Malta

B'Awtorità
Dr Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Is-17 ta' Mejju, 2022
MJEG 21/2020/10

Nru. 566

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mit-28 ta' Ġunju, 2022:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Il-Qrendi	Ritienne Giorgino

Is-17 ta' Mejju, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 564

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 4 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2022.

17th May, 2022

No. 565

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT s notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Public Officers/Employees

Muscat, Mr Konrad, Director (Ports Commercial and Registrar, Small Ships Register), Authority for Transport in Malta

By Authority
Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

17th May, 2022

No. 566

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 28th June 2022:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Qrendi	Ritienne Giorgino

17th May, 2022

Nru. 567

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mit-18 ta' Mejju, 2022:

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Birżebbuġa	Jordy Brincat

Is-17 ta' Mejju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 73

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħal Tarxien

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit minn nhar is-Sibt, 21 ta' Mejju, 2022 sat-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2022, minn Triq Santa Tereża u Triq San Ġużepp (minn kantuniera ma' Triq Sammat sa kantuniera ma' Triq Santa Monika).

Transport pubbliku mhux ser jigi affetwat

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Mejju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 74

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq

No. 567

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from 18th May 2022:

Local Council	*Acting Executive Secretary*
Birżebbuġa	Jordy Brincat

17th May, 2022

POLICE NOTICE

No. 73

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Tarxien

All traffic movement (transit or parking) is prohibited from Saturday, 21st May, 2022 till Tuesday, 31st May, 2022, through Triq Santa Tereża and Triq San Ġużepp (from corner with Triq Sammat till corner with Triq Santa Monika).

Public transport will not be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

17th May, 2022

POLICE NOTICE

No. 74

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation

hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż Żurrieq

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Ġunju, 2022, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Il-Kalkara

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Ġunju, 2022, mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Pjazza Sagra Familja u Triq ir-Rinella.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Bormla

Nhar il-Ħamis, 16 ta' Ġunju, 2022, mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq il-Pellegrinaġġ u Triq Santa Tereża.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Mejju, 2022

65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Wednesday, 1st June, 2022, from 4.00 p.m. onwards, through Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

Public transport will also be affected.

Kalkara

On Wednesday, 1st June, 2022, from 3.00 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza Sagra Familja and Triq ir-Rinella.

Public transport may also be affected.

Cospicua

On Thursday, 16th June, 2022, from 6.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq il-Pellegrinaġġ and Triq Santa Tereża.

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

17th May, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

855

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 92/2022NC, li ġie ppreżentat fit-3 ta' Frar, 2022, fl-ismijiet Briffa Daniel Carmel vs Camilleri Alexander, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-kanċellament tal-imsemmija ipoteka bin-numru progressiv H/23719/2019 f'isem Alexander Camilleri gravanti l-proprjetà f'isem Daniel Carmel Briffa u dan a spejjeż tal-intimat. Tillikwida d-danni sofferti jew li jistgħu jiġu sofferti mill-mittenti sal-ġurnata li jsir il-kanċellament. Tagħmel kull provvedimenti li jidhrilha xieraq. Ir-Rikors

By order given by the Civil Court, First Chamber, on 29th March, 2022, in the acts of the Sworn Application number 92/2022NC, which was filed on 3rd February, 2022, in the names Briffa Daniel Carmel vs Camilleri Alexander, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: The cancellation of the said mortgage with the progressive number H/23719/2019 in the name of Alexander Camilleri encumbering the property on behalf of Daniel Carmel Briffa and this at the expense of the respondent. Settle for damages suffered or likely to be suffered by the sender by the day the cancellation is made. Make any provisions it deems

Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-26 ta' Mejju, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Camilleri Alexander, Alsil, Block B, Triq Gregorio Gafà, l-Imtarfa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 12 ta' Mejju, 2022.

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

appropriate. The Sworn Application in the above names is postponed to 26th May, 2022, at 9.00 a.m.

Notice to Respondent: Camilleri Alexander, Alsil, Block B, Triq Gregorio Gafà, Mtarfa

Registry of the Superior Courts, today, 12 May 2022.

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

856

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fit-13 ta' Mejju, 2022, fuq rikors ta' Dalco SPB Limited (C89538) et ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 6 ta' Ottubru, 2022, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra nru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Lukanda msemmija Paloma Residence, magħruf qabel bħala Sabina Holiday Complex mhux numerat u mibnija fuq porzjon ta' art immarkata bħala plot numru 79 u 80, fl-inħawi magħrufa bħala Tat-Torba l-Bajda fi Triq il-Ġifen f'Buġibba u inkluż l-ispazju tal-arju sovrastanti, eskluż il-ħanut mhux numerat u msemmi La Bodega li jinsab fl-istess lokalità stmata li tiswa żewġ miljun erwo (€2,000,000).

u

Blokk ta' bini li jikkonsisti minn żewġ garaxxijiet fil-livell tal-pjan terran u blokk mhux numerat ta' appartamenti sovrastanti flimkien mal-ispazju tal-ajru u sottoswol, liema proprjetà tinsab f'San Pawl il-Baħar, fl-inħawi magħrufa bħala Buġibba, fi Triq il-Ġifen u msemmija bl-isem 'Blue Angel Holiday Complex' stmata li tiswa tmien mitt elf ewro (€800,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' DHM Properties Investments Limited (C29997).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 20/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 17 ta' Mejju, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall, on 13th May, 2022 after the application of Dalco SPB Limited (C89538) et, Thursday, 6th October, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Hotel named Paloma Residence, formerly known as the unnumbered Sabina Holiday Complex and built on portion of land numbered as plot 79 u 80, in the area known as tat-Torba l-Bajda in Triq il-Ġifen f'Buġibba and including the overlying airspace, excluding the unnumbered shop and named La Bodega situated in the same locality, valued at two million euro (€2,000,000).

and

Block of buildings consisting of two garages at ground floor level and unnumbered block of overlying appartments together with its airspace and subterrain, which property is situated in St Paul Bay in the area known as Buġibba, in Triq il-Ġifen and named 'Blue Angel Holiday Complex' valued at eight hundred thousand euro (€800,000).

The said tenement is the property of DHM Properties Investments Limited (C29997).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 20/2018.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 17th May, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603